# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2025**

**Numru 4**

**Rikors numru 567/2020/1MH**

**Brian Buttigieg u Joanne Cutajar**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Ġunju, 2024 imressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija, li permezz tagħha ddikjarat li l-assi mobbli u immobbli li ġew ikkonfiskati b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Kompetenza Inferjuri), wara li l-atturi nstabu ħatja ta' diversi reati, mhumiex profitti jew qligħ imnissla mit-twettiq ta' reat taħt l-**Att kontra Money Laundering** u lanqas ma huma proprjetà miksuba direttament jew

indirettament, minn jew permezz ta’ xi profitti jew dħul bħal dawk. Għaldaqstant irrevokat fil-konfront tagħhom l-ordni ta’ konfiska tal-assi mobbli u immobbli maħruġ kontrihom.

**Daħla**

2. B’rikors maħluf tal-10 ta’ Lulju, 2020, l-atturi fissru li huma ġew mixlija bir-reat ta’ ħasil ta’ flus. L-attur Brian Buttigieg waħdu ġie akkużat ukoll li fl-istess żminijiet wettaq ir-reati (i) ta’ approprjazzjoni indebita; (ii) ta’ truffa; (iii) ta’ frodi nnominata; u (iv) ta’ serq ikkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-ħin. Issoktaw jgħidu li l-Qorti ntalbet tħaddem l-**Artikolu 5 tal-Att kontra *Money Laundering***, hekk kif ikkontemplat fl-**Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali**. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex fil-każ ta’ ħtija, minbarra li tagħti l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esibiti. Barra minn hekk il-Qorti ntalbet sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skont l-**Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali**.

3. L-atturi jgħidu li permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-14 ta’ Ġunju, 2017, din sabithom ħatja tal-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom, u kkundannat lil Brian Buttigieg għal 4 snin priġunerija u multa ta' €30,000, filwaqt li kkundannat lil Joanne Cutajar għal sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 28A tal-**

**Kodiċi Kriminali** ġew sospiżi għal 4 snin kif ukoll multa ta' €20,000. Il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti f'dan il-kaz, kif ukoll tal-proprjetà mobbli u immobbli tal-ħatja kif stipulat fl-**Artikolu 3(5) tal-Att kontra *Money Laundering***. B'żieda ma' dan, bit-tħaddim tal-**Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali** ordnat lill-ħatja jħallsu s-somma ta' €59,896 fi żmien tliet snin lill-parti mġarrba. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jitħallasx hekk kif ordnat, dan għandu jiġi konvertit fi priġunerija skont il-ligi.

4. Issoktaw jgħidu li huma ressqu appell minn din is-sentenza. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Kompetenza Inferjuri) b'sentenza tal-25 ta' Frar, 2020 laqgħet f'parti minnu l-appell tagħhom, billi filwaqt li kkonfermat is-sejbien ta' ħtija, biddlet il-piena, b'dan li minflok Brian Buttigieg ġie kkundannat għal tliet snin priġunerija u multa ta' €20,000, filwaqt li Joanne Cutajar ġiet ikkundannata għal tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għal erba' snin u multa ta' €12,000. Il-Qorti ħassret l-ordni ta' ħlas lill-parti mġarrba kif ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn ġew ordnati jħallsu l-ispejjeż.

5. L-atturi jfissru li konsegwentement, l-ordni magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn ordnat*: «il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti f'dan il-każ, kif ukoll tal-proprjetà mobbli u immobbli tal-imputati kif stipulat fl-Artikolu 3(5) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta»* saret finali billi l-Qorti tal-Appell Kriminali (Kompetenza Inferjuri) ma ħassritx jew varjat tali ordni.

6. Jissoktaw jgħidu li matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet tħejjiet relazzjoni tal-assi u tal-proprjetà tagħhom. Fissru li huma niedu dawn il-proċeduri bit-tħaddim tal-**Artikolu 7 tal-Att kontra *Money Laundering*** u dan billi l-proprjetà mobbli u immobbli milquta mill-ordni ta’ konfiska la huma profitti jew dħul mill-għemil ta’ xi reat taħt l-**Att kontra *Money Laundering*** u lanqas ma huma proprjetà akkwistata jew miksuba direttament jew indirettament minn jew permezz ta’ xi profitti jew dħul bħal dawk. Jisħqu li huma minn dejjem kellhom impjieg u dħul leġittimu u għalhekk, il-proprjetà tagħhom, b’mod partikolari l-proprjetà bl-indirizz *Mandalay Court*, Flat 3, Triq Ħaż-Żebbuġ, Ħ’Attard ma nxtratx b’konsegwenza ta’ xi għemil bi ksur tal-**Att**, u konsegwentement għandha tiġi meħlusa mill-konfiska.

7. Kien għalhekk li l-atturi fetħu dawn il-proċeduri u talbu lill-Qorti sabiex:

> *«i. Tappunta dan ir-rikors għas-smigħ entro t-terminu stabbilit ai termini tal-**Artikolu 7 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta’ Malta**;*
>
> *ii. Tiddikjara illi kull proprjetà mobbli jew immobbli kkonfiskata mill-esponenti, b’mod partikolari fejn ġiet ikkonfermata l-konfiska tal-appartament Mandalay Court, Flat 3, Triq Ħaż-Żebbuġ, Ħ’Attard permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ta’ nhar il-25 ta’ Frar 2020, liema sentenza hi res judicata, ma humiex profitti jew qligħ mill-għemil ta’ xi reat taħt l-**Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta’ Malta** u lanqas proprjetà akkwistata direttament jew indirettament, minn jew permezz ta’ xi profitti jew dħul bħal dawk u dan ai termini tal-**Artikolu 3 et seq tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta’ Malta**;*
>
> *iii. Tirrevoka l-ordni ta’ konfiska tal-assi mobiljari u immobiljari fil-konfront tagħhom, b’mod partikolari fejn ġiet ikkonfermata l-konfiska tal-appartament Mandalay Court, Flat 3, Triq Ħaż-Żebbuġ, Ħ’Attard u l-vetturi tal-għamla SEAT bin-numru ta’ reġistrazzjoni DBG-232 u permezz tas-sentenza tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ta’ nhar il-25 ta’ Frar 2020.*

*iv. Tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lid-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet.»*

8. Il-Kummissarju tal-Pulizija ressaq tweġiba maħlufa fil-5 ta' Awwissu, 2020 u eċċepixxa hekk:

*«1. Illi in linea preliminari, l-esponent jeċċepixxi illi l-atturi għandhom jiddikjaraw qabel kollox x'relazzjoni konjugali jew ġuridika hemm bejniethom. Dan qiegħed jiġi eċċepit stante illi fir-rikors promotur m'hemmx imfisser lil min tappartjeni l-propjetà li fuqha qed jiġi mitlub ir-rilaxx mill-atturi. Huwa sintomatiku li dina l-Onorabbli Qorti tordna r-rilaxx favur attur illi huwa sid ta' wieħed jew aktar mill-assi inkwistjoni, u mhux favur l-atturi kollha una volta dawn ma jkunux s-sidien inkwistjoni;*

*2. Illi fir-rigward tal-mertu, jeħtieġ li l-atturi jġibu prova konkreta u sodisfaċenti li l-provenjenza tal-oġġetti li tagħhom qed jitolbu r-rilaxx mhix riżultat ta' profitt jew dħul mill-għemil tar-reat li tagħhom l-atturi nstabu ħatja jew propjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul mill-għemil ta' reat;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat ukoll li l-atturi kellhom jehmżu mar-rikors id-dokumenti kollha sabiex jipprovaw l-każ tagħhom ai termini tal-**artikolu 7(3) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu jiġi rilevat li l-prova tal-provenjenza leċita ta' din il-proprjetà u l-akkwist leċitu tagħha tispetta lill-atturi;*

*5. Illi fi kwalunkwe każ u peress li f`dan l-istadju l-atturi ma ġabux provi eżawrjenti dwar il-leċità tal-proprjetà inkwistjoni, l-esponent jirrileva li r-rikors promotur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għalhekk l-esponent jopponi l-akkoljiment tat-talbiet tal-atturi;*

*6. Illi in vista tas-suespost it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi;*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri wara li l-esponent ikollu l-opportunità li jikkontrolla l-provi tal-atturi u x-xhieda li elenkaw fir-rikors u wara li jingħata lilu l-opportunità li jivverifika d-dokumenti li l-atturi kien obbligat jehmeż mal-istess rikors kif ingħad qabel.»*

9. B'sentenza mogħtija fil-5 ta' Ġunju, 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet attriċi.

10. Ir-raġunijiet relevanti li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha kienu dawn:

«***Ikkunsidrat:***

*In segwitu għall-proċeduri kriminali, l-atturi ntavolaw il-proċeduri odjerni ai termini tal-**Att kontra Money Laundering (Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta)** sabiex jitolbu r-revoka tal-Ordni ta' konfiska fuq tliet assi –*

***1. L-appartament numru 3, Mandalay Court, Triq Ħaż-Żebbuġ, Ħ'Attard***
***2. Il-vettura Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni EBT 401***
***3. Il-vettura Seat Cordoba bin-numru ta' reġistrazzjoni DBG-232***

*L-**artikolu 7 tal-Kap 373** jipprovdi hekk fl-ewwel żewġ sub-artikoli tiegħu (kif viġenti fl-epoka li nbdiet il-kawża) -*

> *"(1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 3(5), il-persuna misjuba ħatja u kull persuna oħra li jkollha interess tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul minn ksur tal-artikolu 3 jew b'xi mod ieħor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta' money laundering, u lanqas proprjetà, akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.*
>
> *(2) Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konklużiva."*

….

***Mertu***

*L-**ewwel talba tal-atturi** hija sabiex ir-rikors odjern jiġi appuntat entro t-terminu stabbilit fl-**artikolu 7 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta**.*

*Skont l-**artikolu 7 (4) tal-Att** imsemmi kif viġenti fl-epoka tal-intavolar tal-kawża, tali kawżi għandhom jiġu appuntati għas-smigħ mhux aktar tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur.*

*Kif ingħad, il-kawża odjerna ġiet preżentata fl-10 ta' Lulju 2020 filwaqt li ġiet appuntata sitta u għoxrin jum wara u ċjoè fil-5 ta' Awwissu 2020 u kwindi din it-talba ġiet sorvolata.*

***Il-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba.***

*Fit-**tieni talba,** l-atturi qegħdin jitolbu r-revoka tal-ordni tal-konfiska fir-rigward tal-assi fuq imsemmija stante li fil-fehma tiegħu huwa m'akkwistawhomx direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul mir-reati li tagħhom instabu ħatja.*

*Min-naħa tiegħu l-intimat Kummissarju tal-Pulizija jisħaq fl-eċċezzjonijiet tiegħu fost oħrajn li huma r-rikorrenti li jridu jġibu prova konkreta u sodisfaċenti li l-provenjenza tal-oġġetti li tagħhom qiegħed jintalab ir-rilaxx mhijiex ġejja mill-għemil tar-reati inkwistjoni.*

……

*L-istess prinċipji japplikaw għal azzjonijiet bħal dik odjerna intavolati ai termini tal-**Kap 373**.*

*Qabel tgħaddi biex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-assi mobbli u mmobbli tal-atturi li tagħhom qed jitolbu r-revoka tal-konfiska, il-Qorti tqis li għandha tirrileva in primis li l-ammont ta' €59,896 bħala rikavat mir-reati li tagħhom instabu ħatja l-atturi odjerni ġie kollu rifuż lis-soċjetà Food Chain Ltd.*

*Kif irriżulta mill-atti[1], fil-11 ta' April 2018 l-atturi ffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu mas-soċjetà Food Chain Company Ltd għall-ħlas tas-somma ta' €60,000 b'rabta' ma' dak deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza surreferita tal-14 ta' Ġunju 2017. Kif dikjarat f'dak il-kuntratt stess, €50,000 tħallsu mal-iffirmar tal-kuntratt, u l-€10,000 rimanenti kellhom jitħallsu sal-10 ta' Mejju 2021.*

*Kompla jirriżulta mix-xhieda ta' Dr Maria Karlsson[2], konsulent legali tas-soċjetà Food Chain Services Ltd li eventwalment l-€10,000 rimanenti kienu tħallsu kollha mill-atturi u ma kien fadal ebda ammont dovut.*

*Ferm il-premess il-Qorti sejra tipproċedi bil-kunsiderazzjonijiet dwar l-assi mobbli u immobbli li tagħhom qed tintalab ir-revoka tal-konfiska -*

***1. L-appartament numru 3, Mandalay Court, Triq Ħaż-Żebbuġ, Ħ'Attard***

*Peress li l-akkużi li tagħhom instabu ħatja l-atturi odjerni kienu marbuta mal-perjodu ta' Ottubru 2012 u fis-snin ta' qabel, **dan jikkonċidi maż-żmien li fih inxtara l-fond.***

*Dan il-fond inxtara mill-atturi konġuntivament permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Frar 2012 għall-prezz ta' €130,000[3]. B'rabta max-xiri ta' dan l-appartament l-atturi ħadu self mill-Bank ta' €105,000 b'pagament mensili ta' €495. Kif xehdet*

[1] *Fol* 184 *et seq*
[2] *Fol* 1016a *et seq*
[3] *Fol* 198 *et seq*

*ir-rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc*[4]*, il-pagamenti fuq is-self kienu qed isiru mill-atturi għal xahar arretrati.*

*L-akkużi jirrisalu għax-xahar ta' Ottubru 2012 u s-snin ta' qabel. Mill-employment history ta' Joanne Cutajar*[5] *jirriżulta li mill-2007 sal-2012 hija kienet dejjem impjegata fuq kemm fuq bażi full-time u anke part-time. Għal kull bon fini tixhed ukoll u dan mhux kontradett li wara li kellha t-tarbija, ftit żmien qasir wara, tgħid ħames xhur mill-wild hi reġgħet bdiet taħdem.*[6]

*Inoltre, nġiebet prova li għall-ħabta tas-sena 2008, fl-istess żmien meta l-attriċi kienet għaddejja minn proċeduri ta' annullament, hi u l-eks żewġha Volkan Sinop biegħu lil ċertu Darren Scicluna sehemhom minn internet café li huma kienu joperaw ġewwa San Pawl il-Baħar. Għal dan it-trasferiment huma tħallsu s-somma ta' €69,881.20 (Lm30,000) bħala key money li minnha l-attriċi ħadet €34,960.60 (Lm15,000). Dwar dan xehdu b'mod konsistenti kemm l-attriċi kif ukoll Volkan Sinop u Darren Scicluna. Anzi Darren Scicluna, estraneju għar-relazzjoni bejn Joanne Cutajar u Volkan Sinop, jixhed li dan il-flus tahom lil Sinop u Cutajar nofs bin-nofs għax bħala relazzjoni ta' bejniethom huma kienu wasslu fl-aħħar.*[7]

*Min-naħa tiegħu l-attur xehed li kien ilu jaħdem sa minn meta kellu sbatax -il sena u semma l-postijiet tax-xogħol fejn kien impjegat. Ġew esibiti xi payslips ta' meta kien jaħdem ma' Kentucky Operations Ltd għas-snin 2011 u 2012 fejn kien jaqla' paga gross ta' circa €1,200 u €1,300 fix-xahar*[8]*.*

*Għas-snin sussegwenti mill-2013 sal-2019 l-attur esebixxa diversi FS3s b'rabta mal-impjieg tiegħu ta' sensar fil-proprjetà fejn il-paga gross f'sena kienet hekk-*

*Sena 2013 - €8,366*
*Sena 2014 - €14,497*
*Sena 2015 - €18,001*
*Sena 2016 - €18,305*
*Sena 2017 - €18,160*
*Sena 2018 - €18,251*
*Sena 2019 - €20,173*

*Mis-suespost, il-Qorti tqis li ġie pruvat sal-grad rikjest mil-liġi, li kemm qabel, waqt u anke wara l-perjodu relattiv għar-reati inkwistjoni, l-atturi kellhom biżżejjed introjtu leċitu li bih setgħu jiffinanzjaw ix-xiri tal-fond imsemmi inkluż il-pagamenti fuq is-self meħud mill-Bank.*

*Il-Qorti torbot dan ukoll mal fatt li Brian Butiigieg kien anke riċeventi ta' introjtu minn bejgħ ta' propjetajiet immobbli oħra qabel ma nxtrat id-dar de quo agitur*

---

[4] *Fol* 143C
[5] *Fol* 181
[6] Ara affidavit *folio* 218
[7] Seduta 29/09/2021
[8] *Fol* 192 *et seq*

*li hu biegħ bi profit. Dan jirriżulta mir-rapport ta' Dr. Stagna Navarro fir-relazzjoni tiegħu tal-kompodju tal-assi redatt fil-konfront ta' Buttigieg.*[9]

***Għalhekk it-talba tal-atturi dwar dan l-appartament ser tintlaqa'.***»

11. Il-Kummissarju tal-Pulizija ressaq appell permezz ta' rikors ippreżentat fl-10 ta' Ġunju, 2024 b'aggravju waħdieni.

12. L-atturi appellati ressqu tweġiba fit-3 ta' Lulju, 2024 fejn taw ir-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

13. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Illi l-**aggravju waħdieni** fir-rikors tal-appell imressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija jdur madwar ir-revoka tal-ordni tal-iffriżar fil-konfront tal-appartament. Fi ftit kliem, l-appellant qiegħed isostni li l-għarbiel tal-provi li wettqet l-Ewwel Qorti ma kienx tajjeb. Jissokta jgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex biżżejjed provi fl-atti u li l-atturi ma laħqux il-grad ta' prova meħtieġ.

[9] *Folio* 207

15. L-appellant jisħaq li m'hemmx spjegazzjoni netta u ċara dwar is-sors tas-somma li tħallset mill-atturi bħala depożitu għax-xiri tal-appartament, ċjoè s-somma ta' €25,000. Jgħid li l-Ewwel Qorti straħet fuq dikjarazzjonijiet u xhieda mingħajr prova dokumentarja fl-atti. Jgħaddi biex ifisser għala fil-fehma tiegħu bid-dħul li kellhom l-atturi, dawn ma setgħu qatt ikollhom f'idejhom €25,000 għad-depożitu fuq l-appartament. Jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti semmiet il-qligħ ta' Brian Buttigieg fis-snin ta' wara x-xiri tal-fond u li din hija konsiderazzjoni rrilevanti għaliex fil-mument li l-appellati xtraw il-fond u ħarġu €25,000 għad-depożitu tal-fond, is-sors leċitu ta' dan l-ammont ma ġiex ippruvat lanqas mad-daqqa t'għajn, aħseb u ara kemm seta' jiġi ppruvat sal-grad meħtieġ mil-liġi.

16. Dawn il-proċeduri tniedu b'riħet l-**Artikolu 7 tal-Att kontra *Money Laundering***, kif kien fis-seħħ dak iż-żmien.

17. Illi jaqa' fuq il-persuna li titlob it-tneħħija tal-Ordni tal-konfiska li tressaq il-provi tagħha fi grad biżżejjed biex titwemmen li l-ġid li trid li jinħeles mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ marbutin minn profitt jew dħul min għemil ta' reat. Ladarba l-proċediment ġie maħsub mil-leġislatur li jinstema' minn Qorti ta' kompetenza ċivili u ladarba l-liġi nnifisha tgħid li dwar kull proċediment bħal dan japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara **Artikolu 7(7) tal-Att kontra *Money Laundering***), huwa naturali għalhekk li wieħed jistenna li l-grad ta' prova

mressqa jkun wieħed li joqgħod għall-proċedimenti ta' natura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċediment penali. Madankollu, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll il-qafas legali li fih isir is-sekwestru tal-ġid ta' persuna mixlija jew misjuba ħatja ta' reat taħt l-Ordinanza. Dan jingħad minħabba li l-liġi speċjali nnifisha li taħtha jsir sekwestru bħal dak jidher li toħloq il-preżunzjoni li l-ġid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-**Ordinanza** tnissel sewwasew mill-attività kriminali tal-persuna li tkun. Dan jgħodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet ħatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. Fid-dawl ta' dan il-kuntest, il-Qorti hija tal-fehma li l-piż tal-prova li dak il-ġid inkiseb b'mezzi leġittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn sempliċi dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu għejun jew riżorsi oħra ta' għajxien (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fil-21 ta' Lulju, 2021 fl-ismijiet ***Norman Bezzina et v. Kummissarju tal-Pulizija*** li kienet dwar konfiska taħt l-**Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi**).

18. Tfisser ukoll f'każijiet ta' din ix-xorta, li l-oneru tal-prova huwa mixħut fuq l-attur. Fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuel Bajada et v. Avukat Ġenerali et*** deċiża fit-28 ta' Marzu, 2014 il-Qorti tal-Appell sabet li ma kienet tressqet ebda prova ċara dwar id-dħul tal-attur fil-perjodu rilevanti jew li kien impjegat b'xi salarju u barra minn hekk ma weriex li l-ħlasijiet lura tas-self li kien qed jagħmel kienu qed isiru minn dħul jew profitt leċitu. Dik il-Qorti fissret li ladarba jirriżulta li attur ikun xtara fond fiż-żmien li kien involut f'attività illegali u li tikkonċerna ħasil ta' flus, il-preżunzjoni għandha tkun li r-rikavat minn din l-

attività intuża għall-akkwist tal-fond, u dan sakemm l-istess persuna ma tippruvax, anke fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, il-provenjenza leċita tal-flus utilizzati għal dak l-akkwist.

19. Ġie mfisser ukoll mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2024 fl-ismijiet ***Francis Caruana v. Avukat Ġenerali et***, li f'każijiet dwar riċiklaġġ, il-proċess kriminali jieħu xejra differenti minn dawk ta' reati oħrajn propju għaliex fihom il-piż tal prova jintefa' fuq l-imputat innifsu biex iressaq provi dwar il-provenjenza leġittima tal-flus allegatament maħsula. Kemm hu hekk, skont l-**Artikolu 3(5)(a) tal-Att kontra *Money Laundering*** il-Qorti tordna t-teħid favur il-Gvern tal-proprjetà hemm imsemmija li għandha *«sakemm ma jiġix ippruvat il kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering.»* Meta kienet qiegħda tistħarreġ il-każ li kienet imħabbta bih, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ta' ***Francis Caruana v. Avukat Ġenerali et***, osservat li mill-kumpless tar-raġunament tal-Ewwel Qorti din qieset li l-fatt li l-attur appellant kellu sorsi ta' dħul nodfa ma jsarrafx fil-prova li l-prezz tal-vettura nġieb minn dawn is-sorsi. Wisq inqas hija prova – negattiva - li s-sors tal-flus ma kienx permezz tal-ħasil tal-flus. Sabet għalhekk li l-attur ma kien ġab l-ebda prova tal-*iter* li minnu ġew il-flus.

20. Ngħaddu issa għall-istħarriġ tal-każ tal-lum. Mhux kontestat li l-appellati Brian Buttigieg u Joanne Cutajar tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja akkużati talli fix-xahar ta' Ottubru, 2012 u fis-snin ta'

qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, wettqu r-reat ta' ħasil ta' flus bi ksur tal-**Artikolu 3 tal-Att kontra *Money Laundering***. Kif rajna wkoll, l-appellat Brian Buttigieg ġie mixli wkoll bir-reati ta' approprjazzjoni indebita, truffa, frodi innominata u serq ikkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-ħin.

21. Jirriżulta wkoll li l-appellati nstabu ħatja tar-reat ta' riċiklaġġ, filwaqt li Buttigieg instab ukoll ħati tar-reat ta' approprjazzjoni indebita kemm mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Għal dik li hija l-kawża tal-lum, dak li huwa rilevanti huwa li l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti fil-każ, kif ukoll tal-proprjetà mobbli u immobbli tal-imputati bit-tħaddim tal-**Artikolu 3(5) tal-Att kontra *Money Laundering***. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma neħħietx dan l-ordni. Tajjeb jingħad li l-Qorti tal-Appell Kriminali varjat il-piena fil-konfront tal-imputati u dan meħud inkonsiderazzjoni li fil-mori ta' dak l-appell, l-appellati ffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu mal-parti mġarrba u fuq l-istess kuntratt ġie ddikjarat li kienu diġà ħallsu l-ammont ta' €50,000.

22. Issa jirriżulta mill-atti li fix-xahar ta' Awwissu, 2021 l-atturi ffirmaw konvenju sabiex jixtru l-appartament mertu ta' dan l-appell. Kopja ta' din l-iskrittura ma ġietx esibita. Imbagħad fi Frar tas-sena 2012, permezz ta' kuntratt pubbliku ta' bejgħ u xiri b'self, l-atturi xtraw l-appartament għall-prezz

ta' €130,000, li €105,000 minnhom tħallsu minn self li huma ħadu mill-Bank of Valletta plc. Għalhekk l-atturi ħarġu l-ammont ta' €25,000 minn buthom.

23. F'dawn il-proċeduri, l-attur xehed permezz ta' affidavit (f'paġni 190 u 191 tal-proċess) fejn fisser li hu kien ilu jaħdem minn mindu kellu sbatax-il sena. Fisser li l-ewwel xogħol tiegħu kien ta' tapizzar għal madwar seba' snin. Imbagħad sab xogħol ma' McDonald's għal madwar sitt snin. Fl-aħħar tas-sena 2003 sab xogħol mal-KFC. Ifisser li d-dħul tiegħu matul dan il-perjodu kien ta' madwar €1,300 fix-xahar u ċjoè madwar €17,000 fis-sena. Ftit wara li beda jaħdem KFC iltaqa' ma' Joanne Cutajar u bdew relazzjoni li minnha twieldet tifla.

24. Jixhed li huma ddeċidew li jixtru post flimkien u li f'Awwissu tas-sena 2011 ffirmaw konvenju biex jixtru l-appartament u xtrawh fis-17 ta' Frar, 2012. Il-prezz kien ta' €130,000 u l-appartament kien fi stat komplut. Ħadu self ta' €105,000 mingħand Bank of Valletta plc bil-ħlasijiet ta' madwar €470 fix-xahar. Jgħid li huwa u Joanne Cutajar użaw il-flus li kienu faddlu matul iż-żmien.

25. L-attur xehed ukoll li għalkemm ma qablux mas-somma li ġew ordnati jħallsu lil Food Chain Limited, huma baxxew rashom u laħqu ftehim mal-imsemmija kumpanija li jħallsuha s-somma ta' €60,000 għas-saldu. Kien għalhekk li matul il-proċess kriminali jgħid li faddlu kemm felħu biex setgħu jħallsu din is-somma. Kemm hu hekk, wara li tressqu quddiem il-Qorti ta'

Maġistrati (Malta) huwa beda jaħdem għal rasu, imbagħad beda jaħdem bħala mpjegat ma' kumpanija u d-dħul tiegħu għola mas-snin u sa qabel daħal il-ħabs kien qiegħed jaqla' 'l fuq minn €18,000.

26. Fil-kontroeżami (fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2022), l-attur xehed li huwa kellu flus imfaddlin b'ħidma u kien jitfagħhom ġo kont bankarju miftuħ mal-Bank of Valletta plc. Għall-mistoqsija dwar l-ammont ta' €25,000 (ċjoè d-differenza bejn l-ammont ta' self meħud u l-prezz tal-appartament), wieġeb li ma jiftakarx eżatt, iżda qal li huwa ċert li ma ħax aktar minn €25,000 mingħand KFC u raddhom lura. Fir-rieżami huwa kkonferma li sar il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u kien iħallas fix-xahar u s-somma llum tħallset kollha. Fisser li sab impjieg bħala aġent tal-proprjetà u ħadem qatigħ u ssellef xi flus ukoll biex ħallas l-ammont maqbul. Xehed ukoll li s-self mal-bank għadu qiegħed jitħallas minnu u minn Joanne Cutajar.

27. Min-naħa tagħha, Joanne Cutajar xehdet permezz ta' affidavit (paġni 217 u 218 tal-proċess) li qabel ma ltaqgħet ma' Brian Buttigieg kienet miżżewġa lil ċertu Volkan Sinop bejn is-snin 2001 u 2010, liema żwieġ ġie dikjarat null b'sentenza tad-9 ta' Marzu, 2010. Fissret li matul dak iż-żwieġ kienet taħdem ma' żewġ kumpaniji li kienu joperaw ristorant bil-kera. Kienet taħdem wejtress *full-time* f'dan ir-ristorant u kienet taqla' paga ta' Lm700 fix-xahar. Huma kienu sħab ma' terza persuna u kienu ħallsu flus għaċ-ċavetta sabiex bdew joperawh. Imbagħad ma baqgħux bi sħab u meta ddeċidew li ma

jibqgħux joperaw ttrasferew sehemhom u tħallsu bejniethom Lm30,000 li qasmuhom f'somma ndaqs. Jidhrilha li dan il-ftehim seħħ lejn l-aħħar tas-sena 2008 u tgħid li sehemha kienet tiġbru kultant żmien mingħand ċertu Darren Scicluna li xtara sehemhom.

28. Tixhed li kien f'Marzu, 2010 li hija bdiet taħdem KFC ġewwa l-Gżira u wara sitt xhur bdiet ir-relazzjoni tagħha ma' Brian Buttigieg. Tikkonferma li xtraw l-appartament b'kuntratt tas-17 ta' Frar, 2012 fi stat komplut u li ħadu self ta' €105,000, b'pagamenti kull xahar ta' €470. Tfisser li ftit wara li xtraw il-post ħarġet tqila u wara ħames xhur tqala waqfet mix-xogħol, iżda reġgħet bdiet taħdem madwar ħames xhur wara li ħelset.

29. Tgħid li fil-bidu tas-sena 2013 infetħu proċeduri kriminali kontrihom u Food Chain Limited fetħu proċeduri ċivili wkoll u billi huma riedu jilħqu ftehim mal-kumpanija (li kienet qiegħda tippretendi ħafna flus minnhom), wara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li kkundannathom iħallsu s-somma ta' €60,000, hija u Brian Buttigieg qablu li jħallsuhom dak l-ammont. Huma bdew ifaddlu mill-ewwel u rnexxilhom iħallsu kollox.

30. Fl-affidavit li ppreżentat qabel u li nħalef fl-24 ta' Marzu, 2021 (paġna 179 tal-proċess) tixhed li kienet ilha taħdem għal madwar ħames snin fuq bażi *part-time* ma' ristorant u li kienet qiegħda tirċievi madwar €400/€500 fix-xahar u titħallas fi flus kontanti.

31. Sabiex isaħħu l-każ tagħhom, l-atturi ressqu bħala xhieda lil Volkan Sinap u Darren Scicluna (fis-seduta tad-29 ta' Settembru, 2021). Sinap xehed li fiż-żmien li kien miżżewweġ lil Joanne Cutajar kellhom negozju ta' ħanut u damu bih għal madwar erba' snin. Jidhirlu li waqfu fis-sena 2007 meta biegħu sehemhom għas-somma ta' Lm30,000. M'għandux dokumenti dwar dan aktar fil-pussess tiegħu. Jixhed li dawn il-flus inqasmu bejn tnejn indaqs. Jgħid ukoll li qabel dan in-negozju kellhom negozju ieħor u Joanne Cutajar dejjem ħadmet miegħu.

32. Darren Scicluna xehed li huwa kien xtara sehem Sinop u Cutajar minn *internet café* għall-valur ta' Lm30,000. Dan l-ammont tħallas parti b'ċekkijiet u parti fi flus kontanti. Kien jgħaddi ħlasijiet lilhom separatament sakemm għaqqad iċ-ċifra li kellu jagħtihom u dan fi żmien sitt/tmien xhur. Fil-kontroeżami qal li jista' jkun li ġie ffirmat xi kuntratt. Żgur huwa li kull darba li kien iħallas kien jitlob irċevuta, iżda għadda wisq żmien u ma żammhomx fil-pussess tiegħu.

33. Fuq ix-xaqliba l-oħra, xehdet l-uffiċjal investigattiv u prosekutur (dak iż-żmien l-Ispettur Anzjan Annamarie Xuereb) fil-każ kontra l-atturi. Fissret fl-affidavit tagħha (Dok AMX paġni 1030 sa 1031 tal-proċess) kif bdiet l-investigazzjoni fit-3 ta' Ottubru, 2013 fuq rapport li sar mill-*General Manager* ta' Farsons Limited u li twettqet fuq il-kontijiet bankarji tal-atturi. Xehdet li fil-11 ta' Diċembru, 2012 l-atturi ntalbu jattendu l-kwartieri ġenerali tal-Pulizija sabiex

jiġu interrogati u qalet li huma kkollaboraw fl-investigazzjoni u ammettew l-involviment tagħhom. Xehdet li Buttigieg kien stqarr li dak iż-żmien kien għadhom kemm ħadu self mill-bank fuq il-post tad-dar tagħhom u Joanne Cutajar kienet ħarġet tqila bil-wild tagħhom. Stqarr li kienu għaddejjin minn mumenti diffiċli ħafna u meta kien ra x'kien qiegħed jiġri fuq ix-xogħol (allega li kien hemm ħaddieħor jagħmel hekk iżda ma tax ismijiet) u qatt ma kien inqala' xejn, iddeċieda li jagħmel bħalhom.

34. Illi meta mbagħad jitqiesu l-provi dokumentarji li tressqu mill-atturi nsibu: (i) is-*sanction letter* maħruġa mill-Bank (ara Dok JB f'paġni 156 sa 162 tal-proċess) sabiex tinħareġ il-faċilità ta' self fl-ammont ta' €105,000 bi ħlas kull xahar fl-ammont ta' €473.17; (ii) rendikont tal-kont tas-self li jkopri l-perjodu mit-18 ta' Ġunju, 2014 sas-6 ta' Lulju, 2020 minn fejn jirriżultaw il-ħlasijiet li saru mill-atturi; (iii) *employment history* ta' Joanne Cutajar mill-1 ta' Ġunju, 2007 sad-data tas-smigħ (26 ta' Marzu, 2021); (iv) *payslips* ta' Brian Buttigieg li jkopru l-perjodu mis-7 ta' Novembru, 2011 sat-22 ta' April, 2012 (ara Dok A f'paġni 194 sa 199 tal-proċess) li bħala total ta' paga netta f'dawn ix-xhur irċieva total ta' €6,512.25; (v) il-kuntratt ta' bejgħ u xiri tas-17 ta' Frar, 2022 (ara Dok B f'paġni 198 sa 209 tal-proċess) li minnu jirriżulta li kienu ħallsu €13,000 lill-bejjiegħ qabel dakinhar, u ħallsuh €12,000 minn buthom dakinhar tal-kuntratt; (vi) FS 3 tas-snin li ntemmew mis-sena 2013 sas-sena 2019 (ara Dok C f'paġni 210 sa 216 tal-proċess) minn fejn jirriżulta li l-attur kellu gross fl-ammonti ta' €8,366; €14,497; €18,001; €18,305; €18,160; €18,251 u €20,173

rispettivament; u (vii) l-kompendju tal-assi mħejji waqt il-proċeduri kriminali fir-rigward tal-atturi.

35. Magħdud ma' din id-dokumentazzjoni, l-istess atturi ppreżentaw mar-rikors tagħhom iż-żewġ sentenzi maqtugħa fil-konfront tagħhom, liema sentenzi huma ferm dettaljati u li mingħajr ebda dubju din il-Qorti, flimkien mal-għarbiel tal-provi li għandha quddiemha, ma tistax twarrab u ma tqisx li għandha twarrab il-konsiderazzjonijiet hemm magħmula. Dan għaliex meta din il-Qorti għarblet il-provi li tressqu quddiemha ma tistax tasal għall-istess konklużjoni li wasslet għaliha l-Ewwel Qorti.

36. Tajjeb jiġi mfakkar li hekk kif ġie mtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet ***Audrey Rose Borg et v. Daniel Sciberras***:

> *«Huwa minnu li l-proċediment kriminali u dak ċivili jimxu għal rashom, iżda huwa wkoll miżmum li l-Qrati ċivili jistgħu iqisu provi jew indizji li jinkisbu matul proċediment kriminali biex jaslu għad-determinazzjoni ta' fatti fuq bażi tajba ta' prova fil-grad mistenni fi proċediment bħal dan»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell maqtugħa fl-20 ta' Ġunju, 2024 fl-ismijiet ***Emanuel Farrugia et v. Mario Magri***).

37. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Mejju, 2022 fl-ismijiet ***Veronica Muscat v. Eric Sciberras Balbi***, irreferiet għat-tagħlim ta' dawn il-Qrati kif imfisser fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Camilleri v. Gejtu Cassar*** deċiża fl-1 ta' Diċembru, 1955, fejn ingħad:

*«Mill-prinċipju sanċit fl-**Artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali**, jiġifieri tal-eżerċizzju taż-żewġ azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili għandhom isiru "ex integro" quddiem il-Qorti ċivili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali; anke ex integro quddiem il-Qorti Kriminali; però xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, għall-fini ta' attendibilità tagħhom u tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformament għar-regola relattiva għall-provi, tista' tiġi prodotta f'kawza ċivili, li tkun għadha pendenti, kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza tal-**Artikolu 627(e) tal-Kap. 12**. F'dan is-sens hi l-gurisprudenza tagħna (**Vol. VI P I p 143** u **Vol. XXVII P I p 617**).»*

38. Fil-każ tagħna il-proċeduri kriminali għaddew b'ġudikat u allura dan it-tagħlim aktar jassumi rilevanza.

39. F'dan l-istadju, din il-Qorti se tirreferi għal siltiet mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li għandhom rilevanza għall-kwistjoni li qegħdin nistħarrġu:

*«20. Għalkemm fit-trattazzjoni tagħha d-Difiża attakkat l-istqarrija mogħtija minn BUTTIGIEG lid-diriġenza tal-parte civile, jibqa' l-fatt li l-appellant BUTTIGIEG xehed viva voce u pprovda lil Qorti konfessjoni ġudizzjarja meta huwa essenzjalment ammetta li kien qiegħed jikkommetti il-fatti li jikkostitwixxu r-reati li tagħhom ġie misjub ħati. Mistoqsi mill-avukat tiegħu ta' dak iż-żmien fuq dawk l-affarijiet li kien ġie konfrontat bihom minn Bonello Ghio, Caruana u Xuereb Saydon dakinhar tal-14 ta' Settembru 2012, BUTTIGIEG ammetta li kien qiegħed jagħmel l-irregolarizzazzjonijiet jiġifieri kont qiegħed nimputtja ċertu orders u ma kontx qed nagħti riċevuta. Anzi aktar 'l isfel jgħid ukoll il-motiv wara li kien qiegħed jagħmel dak li hu jsejħilhom irregolarizzazzjonijiet: Prattikament jiena u Joanne qbadna noħorġu flimkien ngħidlek id-dritt. Konna xtrajna post, kienet ukoll ħa jkollna tarbija ukoll kien ħa jkollna tarbija. Ħassejt naqra pressure wkoll ġew l-affarijiet kif ġew. Ngħidlek id-dritt kont rajt lil xi ħaddieħor jagħmilha.*

*21. A fol 337 jgħid ukoll li lil Joanne CUTAJAR qatt ma kien qalilha x'kien qiegħed jagħmel u ma jagħmilx. Mistoqsi mill-Qorti dwar il-flus li kien jieħu x'kien qiegħed jagħmel bihom, huwa wieġeb li kien jirrowndja ċerta figura u kien jagħtihom lil Joanne CUTAJAR biex din iġġemmaħhomlu għax jgħid li ma kienx daqshekk kapaċi jfaddal. B'hekk kien jgħaddilha flusu. Huwa kien jagħmel dan xi kull xahar u nofs. Jgħid ukoll li għal ħabta t'April 2011 kien biegħ mutur u kien daħħal tmint elef euro (€8000) tiegħu kif ukoll huwa kien jagħmel xi part time upholstery work fuq xi sufanijiet mid-dar t'ommu iżda dan ix-xogħol part time kien waqqfu xi tliet snin qabel ma kien xehed. Jixhed ukoll li l-paga li huwa kien jirċievi mingħand il-KFC kienet ta' xi elf u mitejn euro fix-xahar u kien jirċeviha fil-kont tiegħu mal-Bank of Valletta. Mistoqsi dwar it-trasferimenti ta' diversi eluf*

*ta' ewro li kienu jirriżultaw mill-istatements bankarji tiegħu, huwa baqa' jinsisti li dawn kien ġejjin mill-bejgħ tal-mutur u mill-part-time li kien jagħmel u li minnu kien idaħħal madwar tmien mitt ewro (€800). Biss ma ppreżenta ebda dokument jew riċevuta ta' dan il-bejgħ tal-mutur jew tal-part-time li kien jagħmel – li stqarr li ma kienx irreġistrat għalih – biex isaħħaħ dak li qal bil-kliem. Kwantu għall-cash deposits li l-Prosekuzzjoni saħqet li kienu jammontaw għal wieħed u għoxrin elf ewro (€21,000) u li jirriżultaw mill-istatements bankarji ta' Joanne CUTAJAR, huwa jtenni li mhux kollha kienu ġejjin mingħandu.*

....

*36. BUTTIGIEG kien juża żewġ kontijiet bankarji savings, u jagħmel trasferimenti minn kont għall-ieħor, b'mod ripetut. Huwa kien jagħmel depożiti, segwiti mbagħad b'withdrawals regolari f'ammonti li jkunu fl-istess jew qrib id-data tad-deposits. Kif osservat il-Qorti tal-Maġistrati dan jindika li huwa kien jaf ifaddal u kien jaf kif iħaddem dawn il-flus fis-sistema bankarja. Biss minbarra l-fatt li kien ottjeni flus frott ta' dak li jseħilhom irregolarizzazzjonijiet, u li huwa kien iqiegħed dawn il-flejjes fis-sistema bankarja, huwa kien ukoll imbagħad għadda għal fażi oħra u ċjoe jgħaddihom lil Joanne CUTAJAR biex din tiddepożitahom fil-kont tagħha jew li jiddepożitahom fil-kont tagħha. Dan minnu nnifsu huwa wkoll mod kif huwa setgħa jipprova jaħbi l-provenjenza ta' dawn il-flejjes billi dawn jibdew jidhru li huma fuq isem persuna oħra differenti minnu. A fol 334 huwa jispjega wkoll id-destinazzjoni ta' dawn il-flejjes - għalkemm b'mod indirett – meta jgħid li huwa għamel dawn l-irregolarizzazzjonijiet jiġifieri fi kliem sempliċi u ċar – huwa beda jieħu dawn il-flejjes illegalment għaliex kienu xtraw post u kienu ser ikollhom tarbija u minħabba li ħass din il-pressjoni fuqu rrikorra għal dawn il-mezzi illegali kif jottjeni l-flus. Allaħares kull min ikun ser jixtri post u jkollu tarbija jagħmel hekk!*

...

*46. Tixhed ukoll li hi flimkien ma dak li kien żewġha, ċertu Volkan Sinop, kellhom ħanut flimkien li kien jismu 247, San Pawl il-Baħar. Tgħid li kienu willew dan il-ħanut u kienet ħadet xi ħmistax il-elf Lira Maltija. Peress li kienet qed tinfired minn ma' dan Sinop, hi bdiet tibża' li se jieħdilha dawn il-flejjes u żammithom id-dar. Għamlet ħabta imsiefra barra minn Malta u kienet qiegħda tuża minn dawn il-flus u kien għad fadlilha xi sitt elef ewro. Tgħid li kienet iddepożitat ħamest elef ewro minnhom fl-2011.*

*47. Mir-rendikonti bankarji esibiti jirriżulta li CUTAJAR kienet tħaddem żewġ kontijiet li huma rilevanti għal dan il-każ. Hija kellha kont li kien iġib in-numri XXXXXXX3471 mal-Bank of Valletta. Dan kien il-kont li kienet tħaddem regolarment żgur sa minn Marzu 2010 u ċjoè qabel ma ltaqgħet mal-appellant BUTTIGIEG. Fih kienu jidħlu l-pagi tagħha li hija kienet taqla' mix-xogħol tagħha mal-KFC, ossia Kentucky Operations Limited u li jidher li kienet tħaddem regolarment għall-bżonnijiet tagħha ta' kuljum.*

*48. Imbagħad fit-18 ta' April 2011 hija fetħet kont bin-numru XXXXXXX4889 mal-Bank of Valletta u f'dan il-kont ġew depożitati wieħed u għoxrin elf ewro fi spazju ta' sena. Dawn jirriżultaw li kienu depożiti kważi mensili. Dan il-kont*

*4889 kien jintuża biss biex tirċievi depożiti mensili. Minnu għamlet tliet withdrawals bejn is-sittax u s-sbatax ta' Frar 2012 – wieħed cash fl-ammont ta' €1000 u żewġ bills payable ta' €3002.91 u €9002.91 fis-17 ta' Frar 2012. Mir-relazzjoni ta' Dr. Seychell Navarro jirriżulta li f'dik id-data kien sar il-kuntratt tax-xiri tal-fond fi Triq Ħaż-Żebbuġ f'Ħ'Attard bil-prezz ta' mija u tletin elf ewro (€130,000) meta fl-istess jum jirriżulta li hi u l-appellant BUTTIGIEG kienu ħadu wkoll self mill-Bank of Valletta fl-ammont ta' mija u ħamest elef ewro (€105,000).*

*49. Mill-banda l-oħra fil-kont bankarju l-ieħor tagħha bin-numru 3471, jirriżultaw tranżazzjonijiet normali fejn tidħol il-paga u xi drabi anke xi depożiti oħra li jkunu oltre mill-paga tagħha. Hekk per eżempju fit-12 ta' Mejju 2010 iddepożitat €5275. B'hekk kien meħtieġ spjegazzjoni għal dan id-depożitu qawwi ta' €5275 meta komparat mal-mezzi tagħha li jidhru mill-istatement tal-bank. Biss din hija somma flus li hija qrib l-ammont ta' sitt elef ewro li hija xehdet li kien għad fadlilha mir-rikavat tal-bejgħ tan-negozju li semmiet. Stando max-xiehda tagħha a fol 362 hija kienet bdiet toħroġ mal-appellant għal Lulju 2010. Jiġifieri f'Mejju 2010 żgur li ma kienetx għadha taf lill-appellant u huwa verosimili li dan l-ammont jirrappreżenta dak li hija tgħid li hija kien għad fadlilha mill-flejjes li kellha minn negozju li kellha ma żewġha separat.*

*50. Bejn Awissu u Novembru 2010 hija rċeviet il-paga tagħha, li kienet tvarja minn €241.31, €430.75, €354.73 sa €432.21. Biss issa kienet saret taf lill-appellant u anke kienet bdiet ir-relazzjoni tagħha miegħu. Wara li bdiet din ir-relazzjoni, jirriżulta li ddepożitat is-somma ta' €600 fit-13 ta' Novembru 2010. Imbagħad minbarra l-pagi ta' Diċembru 2010 fl-ammont ta' €291.19 u dik ta' Jannar 2011 fl-ammont ta' €610.04, u dik ta' Frar fl-ammont ta' €387.40 u €129.08, fis-17 ta' Frar 2011 hija ddepożitat €700 oħra mingħajr indikazzjoni dwar mnejn dawn kienu ġejjin. Dawn id-depożiti ġew segwiti b'depożiti oħra ta' €700 u €500 fit-22 ta' Frar 2011. Din il-pattern kienet verament insolita meta tqis il-kwantità, ir-regolarità u l-uniformità tad-depożiti tagħha qabel ma kienet iltaqgħet mal-appellant.*

*51. Dawn id-depożiti ġew segwiti bil-paga ta' Marzu 2011 fl-ammont ta' €436.23. Imbagħad sar depożitu ieħor ta' €400 fis-6 t'April 2011 segwit bil-paga ta' April fl-ammont ta' €502.46. Wara jirriżulta li siefret f'Amsterdam. Minbarra l-pagi għax-xhur segwenti ma kienx hemm depożiti oħra barra l-pagi tagħha f'dan il-kont, sakemm, f'daqqa waħda, fit-12 ta' April 2012 sar depożitu qawwi ta' €2500 u fl-istess jum għamlet trasferiment ta' €3000 għall-kont l-ieħor tagħha l-4889.*

*52. Irid jingħad ukoll li l-appellanta CUTAJAR ma tagħtx spjegazzjoni kredibbli ta' mnejn kienu ġejjin dawn il-flejjes li ma kinux jirrappreżentaw il-paga tagħha u li hija aċċettat li jidħlu fil-kont tagħha. Din il-Qorti ssibha diffiċli temmen li d-depożitu ta' ħamest elef ewro magħmul minn fil-kont 4889 fit-18 ta' April 2011 kien ukoll jirrappreżenta flejjes li kellha hi mill-bejgħ tan-negozju li kellha ma' żewġha. Jekk kien hekk, hija naqset milli tagħti spjegazzjoni suffiċjenti dwar x'kienu l-€5,275 li hija depożitat fil-kont 3471 fit-12 ta' Mejju 2010. Però l-appellant jgħid li hu kien għaddielha xi flus tal-mutur li qal li biegħ.*

> *53. Biss aktar minn hekk din il-Qorti għamlet analiżi side by side tal-bank statements tal-appellanta fil-kont 4889 u tal-appellant fil-kont tiegħu bin-numru 4516. Minn din l-analiżi jirriżulta pattern interessanti ħafna dwar kif dawn iż-żewġ persuni kienu qegħdin iħadmu dawn il-flejjes bejniethom.»*

40. Imbagħad f'paragrafu 54, il-Qorti tal-Appell Kriminali wettqet eżami mirqum tal-kontijiet bankarji tal-appellati u t-tħaddim tagħhom minn fejn jirriżultaw depożiti regolari u wħud anke sostanzjali u ċaqliq minn kont għall-ieħor. Sakemm sa fl-aħħar fis-sbatax ta' Frar 2012 Buttigieg għamel *bill payable* fl-ammont ta' €1802.91 u €3447.91. Filwaqt li fl-istess jum, jiġifieri fis-sbatax ta' Frar 2012, Joanne Cutajar għamlet *bill payable* fl-ammont ta' €3002.91 u *bill payable ieħor* fl-ammont ta' €9002.91. Din kienet il-ġurnata meta sar il-kuntratt għax-xiri tal-appartament.

41. Meħud inkonsiderazzjoni l-provi kollha li din il-Qorti għandha quddiemha, tqis li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li huma ħallsu d-depożitu fuq l-appartament ta' €13,000 u €12,000 fuq il-kuntratt mill-flus li huma jsostnu li kienu faddlu. Mid-dokumenti esibiti ma jirriżultax li l-atturi kellhom flus imfaddlin qabel ma xtraw l-appartament. Ma ressqu ebda *statements* tal-kontijiet bankarji tagħhom. Din il-Qorti taf li kellhom kontijiet bankarji anki abbażi ta' dak li jirriżulta fis-sentenzi mogħtija fil-proċeduri penali u kif ukoll fil-kompendju tal-assi pprezentat. Kemm kellhom ammonti f'dawn il-kontijiet ma jirriżultax għaliex ma ġewx ipprezentati f'dawn il-proċeduri.

42. B'żieda ma' dan, din il-Qorti tagħraf inkonsistenza dwar is-somma li Joanne Cutajar tgħid li rċeviet bħala ħlas għaċ-ċavetta tan-negozju li kellha ma' Sinop u x'għamlet bihom. Għal darb'oħra ma tressqux irċevuti jew dokumenti dwar dawn li ħlasijiet li tgħid li rċeviet. Verament tressqu bħala xhieda l-istess Sinop u Scicluna dwar dan in-negozju iżda xorta waħda jibqa' l-fatt li ma tressqux provi kemm dwar jekk dawn il-flus verament ingħataw lilha kif ukoll jekk ingħataw lilha x'għamlet bihom jew faddlitx minnhom kif qalet.

43. Imbagħad mill-kompendju tal-assi jirriżulta li Joanne Cutajar barra l-kont tal-faċilità tas-self ma' Brian Buttigieg, kellha żewġ kontijiet tat-tfaddil u wieħed kurrenti mal-Bank of Valletta plc li b'kollox kien fihom ftit aktar minn €8. Mill-istess kompendju jirriżulta li fis-snin 2009 u 2010 ma kellhiex dħul minn xi impjieg, filwaqt li għas-snin 2011, 2012 u 2013 iddikjarat li kienet qiegħda taqla' l-ammonti rispettivi ta' €6,767; €7,609 u €3,093.

44. Għal dak li huwa Brian Buttigieg il-ftit provi li tressqu lanqas remotament ma jikkonvinċu lil din il-Qorti li huwa kien fil-possibbiltà li jfaddal l-ammont ta' €25,000 fi ftit żmien għaliex s'intendi wieħed irid jonfoq il-flus sabiex jgħix. Barra minn hekk, filwaqt li l-appartament inxtara fi stat komplut, l-atturi riedu wkoll jixtru l-għamara u kienet anki ġejja tarbija fid-dinja. Ma jirriżultax li l-atturi kellhom qligħ biżżejjed biex isiru dawn l-affarijiet kollha f'daqqa. Qabel ix-xiri tal-appartament id-dħul ta' Buttigieg ma kienx sostanzjali, u wisq aktar id-dħul li kellha Joanne Cutajar.

45. Minn dan il-kompendju tal-assi jirriżulta li Brian Buttigieg (saret it-talba lill-istituzzjonijiet minn dak iż-żmien l-*Asset Management Unit* f'Novembru, 2013) barra l-faċilità ta' self flimkien ma' Joanne Cutajar kellu żewġ kontijiet ta' tfaddil mal-Bank of Valletta li kien fihom kellu biss madwar €743. Barra minn hekk jirriżulta mill-istess kompendju li fis-snin qabel ma xtara l-appartament id-dħul tiegħu għas-snin ta' stima 2008, 2009, 2010, 2011 u 2012 kienu Lm6,862; €17,795; €16,471; €16,681 u €17,053.

46. Verament kif irrimarkat l-Ewwel Qorti jirriżulta mill-kompendju tal-assi li Brian Buttigieg kien akkwista u biegħ xi proprjetajiet flimkien ma' terzi persuni, ċjoè: (i) permezz ta' kuntratt ta' bejgħ tat-30 ta' Diċembru, 1998 akkwista flimkien ma' terza persuna *maisonette* ġewwa Ħal Lija għall-prezz ta' Lm17,500; (ii) permezz ta' kuntratt ippubblikat nhar is-26 ta' Ġunju, 2000 din l-istess proprjetà jidher li nbiegħet għall-prezz ta' Lm24,000; (iii) permezz ta' kuntratt ippubblikat fis-6 ta' Ġunju, 2002 Brian Buttigieg flimkien ma' terza persuna akkwista *maisonette* ġewwa Ħal Tarxien għall-prezz ta' Lm24,000; (iv) din il-proprjetà nbiegħet nhar l-1 ta' April, 2004 għall-prezz ta' Lm38,000.

47. Biss però barra ma tressqet ebda prova minn Brian Buttigieg x'għamel mir-rikavat tal-bejgħ, kemm huwa hekk lanqas isemmihom fl-affidavit tiegħu.

48. Fuq ix-xaqliba l-oħra, din il-Qorti hija wkoll konvinta li mhux il-ħlasijiet kollha tas-self ġew mit-twettiq tar-reat billi ġie ppruvat li l-attur kien qiegħed

jaħdem u l-ammont imħallas mhux xi wieħed projbittiv. Biss però m'għandhiex dubju wkoll li wħud mill-ħlasijiet saru mill-flus illeċiti.

49. Din il-Qorti diġà tenniet li f'kawża ta' din ix-xorta, l-atturi kien jeħtiġilhom jippruvaw li l-x-xiri tal-appartament ma kellux rabta mar-reati li tagħhom instabu ħatja u li l-provenjenza tagħhom hija kollha kemm hi leċita. Għalkemm il-grad ta' prova meħtieġ huwa dak ta' bilanċ ta' probabbiltajiet skont il-proċedura ċivili, il-piż tal-prova fuq l-atturi li dak il-ġid inkiseb b'mezzi leġittimi jrid ikun aqwa minn sempliċi dikjarazzjoni vaga li l-atturi kellhom għejun u riżorsi oħra ta' għajxien (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' April, 2017 fl-ismijiet ***John Sultana v. Kummissarju tal-Pulizija***). Dan huwa proprju dak li ġara fil-każ tal-lum. L-atturi prinċipalment għamlu dikjarazzjonijiet li huma dejjem ħadmu mingħajr ma ressqu dokumentazzjoni għal parti mill-perjodi li huma jsemmu jew almenu min kien iħaddimhom sabiex jikkonfermaw dan u d-dħul tagħhom x'kien. L-attur ressaq prova tad-dħul tiegħu iżda din tirreferi għall-perjodu qasir u l-parti l-kbira tagħhom wara l-kummissjoni tar-reati u qabel ix-xiri tal-appartament. Dawn il-provi tax-xogħol tiegħu huma xhieda li l-ħlasijiet għas-self setgħu tħallsu minn sors leċitu, iżda lanqas *statements* tal-kontijiet bankarji ma ġew preżentati, ħlief dak relatat mal-faċilità tas-self li ma jitfax wisq dawl għall-proċeduri odjerni.

50. Jifdal issa l-kwistjoni dwar jekk din il-Qorti għandhiex tikkonferma l-konfiska tal-proprjetà kollha jew l-ammont li ġie stabbilit bħala li ġie

miżapproprjat. Il-Kummissarju appellant jitlob il-konfiska tal-proprjetà fl-intier tagħha. L-appellati jargumentaw li skont is-**subinċiż 5(a) tal-Artikolu 3 tal-Att kontra *Money Laundering*** kull persuna misjub ħatja ta' reat ta' ħasil ta' flus taħt dan l-Att jiġi ordnat it-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat. Jgħidu li l-liġi nnifisha tqis li r-rikavat huwa *«xi vantaġġ ekonomiku u kull proprjetà li tiġi jew titnissel sew b'mod dirett, sew mhux dirett, minn xi attività kriminali u tinkludi kull qliegħ jew benefiċċju ieħor miksub minn dik il-proprjetà.»* Jgħidu li għalhekk il-leġislatur ried illi dak kollu li mhux riżultanti minn xi attività kriminali ma jaqax taħt dan il-provvediment, u allura għandu jibqa' mhux mittiefes, u fuq kollox kif espressament ried il-leġislatur dak li jittieħed għandu bilfors jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat. Jissoktaw jgħidu li għalhekk hija l-liġi stess li tipprekludi *ab initio* l-konfiska favur il-Gvern tal-appartament residenza tagħhom, peress li l-valur tiegħu ma jikkorrispondix mar-rikavat tar-reati li tagħhom instabu ħatja u liema valur intradd lura kollu minnhom. Jgħidu wkoll li hija biss is-somma ta' €59,896 li tista' titqies bħala mniġġsa mir-reati li bihom instabu ħatja filwaqt li l-bqija tal-assi tagħhom għandhom jitqiesu bħala provenjenti minn fondi leċiti.

51. Kif diġà ntqal dawn il-proċeduri tnedew b'riħet l-**Artikolu 7 tal-Att kontra *Money Laundering*** li dak iż-żmien kien jipprovdi:

> *«7.(1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 3(5), il-persuna misjuba ħatja u kull persuna oħra li jkollha interess tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul minn ksur ta' l-artikolu 3 jew b'xi mod*

*ieħor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta' money laundering, u lanqas proprjetà, akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.»*

52. Tajjeb ukoll li nħarsu lejn dak li jipprovdi s-**subinċiż 5(a) tal-Artikolu 3 tal-istess Att** li jipprovdi:

*«(5) (a) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali l-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena li għaliha tista' tiġi kkundannata persuna misjuba ħatja ta' reat ta' money laundering taħt dan l-Att u b'żieda ma' kull piena li korp magħqud jista' jeħel taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), tordna t-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut mill-persuna misjuba ħatja jew mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi subartikolu (4) u kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja kif imsemmi qabel jew ta' korp magħqud kif imsemmi f'dan is-subartikolu għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti wkoll jekk fil-każ ta' proprjetà immobbli dik il-proprjetà tkun, minn żmien meta l-ħati jkun ġie akkużat, għaddiet f'idejn terzi, kif ukoll jekk ir-rikavat ta' proprjetà, kemm mobbli kemm immobbli, ikunu jinsabu f'xi post barra minn Malta:*

*Iżda, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, "rikavat" tfisser xi vantaġġ ekonomiku u kull proprjetà li tiġi jew titnissel, sew b'mod dirett sew mhux dirett, minn xi attività kriminali u tinkludi kull qligħ jew benefiċċju ieħor miksub minn dik il-proprjetà.»*

53. Minn qari akkurat ta' dak maħsub fil-liġi, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak sottomess mill-atturi. L-appellati jenfasizzaw fuq il-kelma rikavat u t-tifsira mogħtija mill-istess liġi. Għalkemm illum huwa stabbilit li l-ammont involut fil-każ tal-lum huwa ta' ftit anqas minn €60,000 (għalkemm l-attur jinsisti li ma ħax daqshekk, iżda dan ftit jgħodd għaliex dak li jgħodd huwa dak deċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali), biss però l-istess tifsira li nsibu fil-*proviso* tas-**subinċiż 5(a) tal-Artikolu 3 tal-istess Att** ma tistax ħlief tfisser għall-każ tagħna li ladarba l-atturi użaw parti mill-flus miżapproprjati biex jixtru

l-appartament, dak ix-xiri tnissel b'mod dirett mir-reati mwettqa. Allavolja ttieħed self mill-Bank, dan fih innifsu ma jfissirx b'daqshekk li l-proprjetà tħallset minn fondi leċiti. Dan qiegħed jingħad għaliex fl-ewwel lok, li kieku ma ntużawx dawn il-flus provenjenti mir-reat l-atturi ma kinux ikunu f'pożizzjoni li jiksbu s-self mill-bank biex jixtru l-appartament. Mhux hekk biss, irriżulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li huma kienu jiddepożitaw il-flus miżapproprjati fil-kontijiet bankarji u jċaqalquhom minn kont għall-ieħor bl-intiża li jkun aktar diffiċli li jinqabdu. Issa jekk l-atturi kellhom xi flus imfaddla, kif qegħdin isostnu, għalkemm ma tressqet ebda prova dwar dan, jiġi b'hekk li kien hemm it-taħlit ta' flus leċiti ma' dawk illeċiti, dak li jissejjaħ *intermingling.* Għalhekk dawn il-flejjes leċiti issa ġew ukoll imċappsa.

54. Din il-Qorti tqis li l-ħsieb tagħha huwa msaħħaħ minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Marzu, 2014 fl-ismijiet ***Emmanuel Bajada et v. Avukat Ġenerali et***, fejn dik il-Qorti kienet imħabbta b'sitwazzjoni simili bħal dik tal-lum. Kemm hu hekk, l-atturi f'dawk il-proċeduri kienu akkwistaw proprjetà bi prezz ta' Lm55,000, wara li ħadu self minn Bank ta' Lm50,000 u dan fiż-żmien li kien kopert bl-att tal-akkuża. Il-Qorti qieset li fid-dawl ta' dawk iċ-ċirkostanzi ma setax jiġi eskluż li l-akkwist ta' dik il-proprjetà ma kinitx b'xi mod marbuta mar-reat. Tenniet li darba jirriżulta li l-attur xtara l-fond fiż-żmien li kien involut f'attività illegali (bħal każ tal-lum) u li tikkonċerna riċiklaġġ, il-presunzjoni għandha tkun li rikavat minn din l-attività intuża għall-akkwist tal-fond, u dan

sakemm l-istess persuna ma tippruvax, anke fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, il-provenjenza leċita tal-flus użati għal dak l-akkwist. Il-Qorti fissret hekk:

> *«F'dan il-każ, fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-prova ma saretx. Il-prova trid tkun waħda ċara u konkludenti, anke jekk il-grad ta' persważjoni huwa biss fuq bażi ta' probbabbiltà. L-attur ma tax spjegazzjoni konkludenti ta' minn fejn ġab il-flus biex ħallas il-Lm5000 fuq il-kuntratt u biex ħallas il-pagamenti lill-bank għas-self li ngħata. Hu veru li fl-att tal-akkuża jingħad li r-rikavat mill-aġir illeċitu tal-attur kien ta' €4,192.87, u li nofshom ġie utilizzat sabiex tħallas kera ta' guest house mhux proprjetà tal-attur, però tibqa' nofs is-somma "unaccounted for", u jekk flus akkwistati illeċitament jintużaw għall-akkwist ta' proprjetà - anke b'żieda ta' flus bi provenjenza leċita – dik il-proprjetà tibqa' soġġetta għall-konfiska. Biex proprjetà tinħeles minn ordni ta' konfiska, irid jirriżulta illi l-akkwist tal-istess proprjeta` ma hu b'ebda mod marbut jew relatat ma' flus illeċiti. Kif tgħid il-ligi, jekk il-proprjetà hija "b'xi mod" involuta fil-kummissjoni tar-reat jew akkwistata mid-dħul tal-attività illegali, il-konfiska trid tibqa' fis-seħħ, u l-atturi f'din il-kawża ma rnexxielhomx juru li l-flus kollha indirizzati għall-akkwist tal-fond ma ġewx mill-attività illegali li tagħha instab ħati l-attur (tmexxija ta' żewġ guest houses li kienu jintużaw għall-prostituzzjoni). Fuq kollox, mhux qed nitkellmu biss fuq il-quantum tar-reat, għax l-attur irid jipprova l-provenjenza leċita tal-fond minnu mixtri, ħaġa li ma għamilx. Dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti qiegħed jiġi għalhekk, milqugħ.»*

55. Illi huwa ċar li l-iskop tal-leġislatur huwa li jiskoraġġixxi t-twettiq tar-reat u fuq kollox il-ħasil tal-flus. Iżda mhux biss, fil-każ tagħna x-xiri tal-appartament jista' jitqies ukoll bħala li huwa nvolut fil-kummissjoni tar-reat innifsu ta' ħasil ta' flus għaliex huwa l-prova li kien hemm ħasil ta' flus. Fuq kollox għal dan il-każ joqgħod il-qawl li l-ħobż tax-xitan ma jxabbax, li jfisser li dak kollu li tkun akkwistajt bid-diżonestà ma tgawdihx.

56. Għaldaqstant l-aggravju tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa siewi u qiegħed jintlaqa' u l-ordni ta' konfiska tal-immobbli inkwistjoni għandu jibqa' fis-seħħ. Billi l-istess atturi fissru li l-faċilità tas-self għadha ma tħallsitx kollha,

din id-deċiżjoni qiegħda ssir bla ebda preġudizzju għad-drittijiet tal-Bank li jista' jkollu fuq l-istess ġid.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u għalhekk tħassar is-sentenza appellata sa fejn irrevokat l-ordni ta' konfiska tal-immobbli u ċjoè l-appartament numru 3, Mandalay Court, Triq Ħaż-Żebbuġ, Ħ'Attard, u minflok tħalli l-konfiska ta' dan l-appartament fis-seħħ. Id-drittijiet li l-Bank of Valletta plc jista' għandu fuq din il-proprjetà għandhom sa fejn tippermetti l-liġi jibqgħu mhux mittiefsa. Mill-bqija s-sentenza appellata qiegħda tiġi kkonfermata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-istess atturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb